MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 568/2004

**L-Accountant General u s-Segratarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Zghazagh u Mpjiegi**

**vs**

**Master Builders (Malta) Limited u b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2005, gie kjamat in kawza San Giljan Aquatic Sports Club kif debitament rapprezentat**

l-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq dedotti datata l-4 t'Awwissu, 2004, li permezz taghha wara li l-atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi fl-1 t'Awwissu, 1995, is-socjeta` konvenuta Master Builders (Malta) Limited inghatat *tender*

minn San Giljan Aquatic Sports Club biex tibni pixxina tal-*waterpolo* fl-istess lokal gestit mill-istess *club*;

2. Illi l-Ministeru tal-Gustizzja u l-Arti u l-Ministeru tal-Finanzi approvaw ghajnuna finanzjarja ghal dan il-progett ammontanti ghal sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00), u dan b’ittra datata t-12 ta’ Gunju, 1995;

3. Illi s-somma msemmija fil-paragrafu precedenti ghaddiet f’idejn is-socjeta` konvenuta bhala *advanced payment* tramite tlett pagamenti kif indikat fil-paragrafu numru 3 tac-citazzjoni promotrici, (ara fol 1);

4. Illi l-applikazzjoni ghall-kostruzzjoni tal-pixxina de quo intavolata mis-socjeta` konvenuta kienet giet respinta mill-Awtorita` Maltija tal-Izvilupp u Ippjanar, (komunement maghrufa bhala l-MEPA);

5. Illi ghalhekk il-progett li ghalih inghatat l-ghajnuna finanzjarja de quo qatt ma nbeda;

6. Illi ghalhekk l-atturi nterpellaw lill-istess socjeta` diversi drabi biex tirrifondi s-somma lilha mghoddijja;

7. Illi s-socjeta` konvenuta ddepozitat biss is-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM24,865.25), u ghad baqghalha tirrifondi l-bilanc rimanenti fuq is-somma lilha mghoddijja;

8. Illi s-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta tirrifondi l-bilanc ta’ hamsa u tletin elf, mija u erbgha u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM35,134.75), allegatament ghaliex involviet ruhha f’xoghlijiet in konnessjoni mal-istess progett;

9. Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta ntalbet tipproduci l-ircevuti relattivi ghal dawn l-allegati xoghlijiet, hi naqset li taghmel dan;

10. Illi effettivament jirrizulta minn ufficcjali u periti governattivi li minn spezzjonijiet minnhom effettwati qatt ma nstab li saru xi xoghlijiet fil-post fejn kellha tinbena l-imsemmija pixxina;

11. Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta kienet interpellata diversi drabi biex tirrifondi l-bilanc minnha dovut fuq indikat, din baqghet inadempjenti;

Talbu lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta fuq indikata m'onoratx l-inkarigu li tibni pixxina tal-*waterpolo* f'San Giljan u li ghal liema progett irceviet mill-atturi s-somma fuq ukoll gia` ndikata;

ii. Tiddikjara li l-istess socjeta` konvenuta ghandha tirrifondi lill-atturi s-somma ta' sittin elf Lira Maltin – in kwantu ghal erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM24,865.25), depozitati fic-cedola ta' depozitu numru 1048/2002 u in kwantu ghall-bilanc ta' hamsa u tletin elf, mija u erbgha u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM35,134.75), somma li ghadha fil-pussess tal-istess socjeta` konvenuta;

iii. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta fuq indikata biex tirrifondi lill-atturi s-somma ta' sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00);

iv. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont kif elenkati fl-istess citazzjoni promotrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Dicembru, 2004, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta fuq indikata eccepiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi peress li la rceviet xi flus u lanqas agixxiet fuq struzzjonijiet tal-atturi;

2. Illi s-socjeta` konvenuta kienet ingiebet fl-impossibilita` li tespleta l-inkarigu lilha moghti minn San Giljan Aquatic Sports Club, u dan, b'tort imputabbli lill-istess club li rrifjuta li jottempora ruhu mar-rekwiziti tal-MEPA li konsegwentement ma setghux johorgu l-permessi relattivi;

3. Ili bla pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba attrici, senjatament dik rigwardanti c-cedola ta' depozitu bin-numru 1048/2002, hi ammessa;

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess is-somma ta' hamsa u tletin elf, mija u erbgha u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM35,134.75), mhix dovuta stante li s-socjeta` konvenuta rrikorriet spejjez kbar fl-espletar ta' l-inkarigu lilha moghti mis-socjeta` akwatika nvoluta, sakemm kienet kostretta tieqaf mix-xoghlijiet, u ghalhekk din it-talba ghandha tigi respinta;

5. Illi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex tbati spejjez u/jew imghaxijiet stante li qatt m'oggezzjonat li tirrifondi l-ammont gia` depozitat permezz tac-cedola de quo fuq gia` riferita;

6. Illi din il-kawza giet intavolata inutilment stante li f'diversi okkazjonijiet kienet gia` nfurmat lill-atturi li kienet inkorriet f'diversi spejjez;

7. Illi in vista tal-premess jehtieg il-kjamata in kawza ta' San Giljan Aquatic Sports Club stante li kien dan il-*club* li kellu relazzjoni ma' l-atturi fuq il-meritu in dizamina u mhux is-socjeta` konvenuta;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-25 ta' Jannar, 2005, li permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta` konvenuta fuq indikata u ordnat il-kjamata in kawza ta' San Giljan Aquatic Sports Club;

Rat il-verbal datat l-14 ta' Gunju, 2005, li permezz tieghu il-qorti diversament preseduta rrilevat li l-*club* kjamat in kawza kien gie debitament notifikat (ara fol 20), u naqas jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, (ara fol 22);

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-18 t’April, 2007, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma’ d-depozizzjoni tax-xhud hemm indikat, (ara fol 214);

Ezaminat ix-xhieda kollha mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju mahtur ghal dan il-ghan;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati t-2 t’April, 2012, u l-4 ta’ Gunju, tal-istess sena;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fl-1 t’Awwissu, 1995, is-socjeta` konvenuta rebhet *tender* mis-socjeta` akwatika San Giljan, bl-inkarigu li tibni pixxina tal-*waterpolo* fis-sede fejn jinsab l-istess *club*;

2. Illi peress li l-bini in dizamina kien jinvolvi spejjez konsiderevoli l-Gvern iddecieda li jiffinanzja parti ta’ dan il-progett;

3. Illi konsegwentement ghadda s-somma ta’ mija u disgha u tletin elf, seba’ mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€139,762.40), (ekwivalenti ghal sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00)), bhala pagament in avvanz u dan, permezz ta’ tlett pagamenti, (ara fol 32, 35 u 40 u fol 111 sa 113);

4. Illi l-pagamenti msemmija fil-paragrafu precedenti kienu gew awtorizzati wara li l-Gvern effettwa l-verifiki necessarji tal-fatturi pprezentati mill-perit Sammut ghas-socjeta` konvenuta;

5. Illi nonostante dan, ix-xoghlijiet li ghalihom gew effettwati l-imsemmija pagamenti mill-erarju pubbliku, qatt ma twettqu;

6. Illi di piu`, jirrizulta li effettivament il-permessi relattivi tal-MEPA qatt ma gew minnha rilaxxati;

7. Illi in effetti kif jirrizulta anke mix-xhieda tal-imsemmi perit Sammut, ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet xi xoghlijiet izda effettivament dawn ma ntuzawx fil-progett in dizamina – li qatt ma avvera ruhu – izda intuzaw ghall-progetti ohra privati;

8. Illi in vista tal-premess, senjatament li rizultat tal-istess il-progett kien allura gie abbandunat ghal kollox, il-Gvern talab ir-rifuzjoni tal-ammont minnu moghti ghall-istess;

9. Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta rrifondiet il-parti fuq indikata – ghalkemm b'cedola ta' depozitu fir-registru tal-qorti biss u mhux direttament lill-Gvern kif dovut – il-kontendenti baqghu serrati fil-pozizzjoni rispettiva taghhom bis-socjeta` de quo tirrifjuta li tirrifondi l-ammont dovut stante li qed tallega li nvolviet ruhha fi spejjez ekwivalenti ghal dan l-ammont f'xoghlijiet preparatorji;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-assjem komplessiv tar-rizultanzi mix-xhieda prodotta ghandu jigi sottolineat is-segwenti:

1. Illi l-Gvern ghazel li johrog dan l-ammont konsiderevoli ta' flus ghal progett li kien ghadu fil-fazi ta' studju u mhux fil-fazi konkreta ta' implimentazzjoni – haga stramba tassew, meta wiehed jaf kemm il-Gvern hu difficli meta jigi biex johrog flejjes pubblici – sakemm ma jkux hemm xi ghanijiet specifici li qatt ma jirrizultaw fi proceduri gudizzjarji bhal dawn in dizamina;

2. Illi dan qed jinghad ghaliex jirrizulta li l-ammont in dizamina nhareg ghall-progett li meta sar dan lanqas biss kien munit bil-permessi necessarji tal-MEPA;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante dan, jibqa' l-fatt li:

1. L-ammont rekriminat inhareg ghal skop preciz;

2. Dan l-iskop preciz, (il-bini tal-pixxina), qatt ma avvera ruhu;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad li s-socjeta` konvenuta hi responsabbli ghall-akkadut ghaliex jirrizulta li t-*tender* minnha mirbuh kien jitfa' l-piz tal-progett kollu fuqha – mill-ippjanar sa l-attwazzjoni;

Illi s-socjeta` sportiva kjamata in kawza kellha biss il-pjan koncettwali u kienet is-socjeta` konvenuta li ndahlet biex tattwah;

Illi ghalhekk, din is-socjeta` konvenuta mhux biss sfruttat din il-herqa zejda governattiva meta xtrat l-ghasafar fl-arja izda, addirittura, iddeludiet lis-socjeta` sportiva kkoncernata li nonostante l-isforzi kollha li ghamlet biex tissupera l-problemi kollha li sabet quddiemha biex tattwa l-holma taghha biex tkun tista' taghmel il-qabza fil-kwalita` tant essenzjali fil-kamp li fih topera, din baqghet deluza b'dan il-mod grossolan;

Illi di piu`, l-ammont mghoddi mill-Gvern fuq indikat ghadda totalment f'idejn is-socjeta` konvneuta;

Illi in oltre, ghalkemm il-perit involut ghan-nom ta' din l-istess socjeta` konvenuta jsostni li hemm xoghlijiet li fiha kienet involuta minhabba dan il-progett partikolari u ghalhekk qed tirrifjuta li tirrifondi l-istess ammont lilha mghoddi, pero` fl-istess nifs jikkonferma:

i. Li l-progett de quo ma sarx;

ii. Li x-xoghlijiet li s-socjeta` ghamlet ghal dan il-progett partikolari effettivament uzathom fi progett privat – li allura jfisser li thallset mill-privat ukoll ghal dak li kienet gia` mhallsa minn qabel mill-Gvern;

Illi ghaldaqstant ghandu jirrizulta pacifiku li din is-socjeta` konvenuta s'issa gawdiet minn zewg ghejun b'mod tassew skandaluz li din il-qorti tikkundanna bl-aktar mod car u possibbli;

Ikkunsidrat:

Illi di piu`, jirrizulta li nonostante l-allegazzjoni xokka ta' din is-socjeta` konvenuta li qed tirrifjuta u tirrespingi t-talba attrici, hi fil-fatt:

1. Ipprezentat cedola ta' depozitu ta' madwar terz tal-ammont minnha dovut lill-Gvern fil-kaz odjern;

2. Ammettiet it-talba rigward dan l-ammont fl-eccezzjonijiet taghha;

3. Naqset li tipproduci d-dokumentazzjoni relattivi in sostenn tal-allegazzjoni taghha li m'ghandhiex tirrifondi aktar flus lill-Gvern stante li l-ammont rimanenti hu lilha dovut ghal xoghlijiet minnha maghmula – xoghlijiet li del resto ma jidhru mkien hlief dawk privatament imqabbda;

Ikkunsidrat:

Illi finalment, ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` akwatika kkoncernata ghandu jinghad li din, ghalkemm debitament notifikata, baqghet in kontumacia;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta u

takkolji t-talbiet attrici stante li debitament ipprovati skont il-ligi, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Master Builders (Malta) Limited ma onoratx l-inkarigu lilha moghti li tibni pixxina tal-*waterpolo* f'San Giljan u ghal liema progett irceviet mill-atturi fuq indikati s-somma komplessiva ta' mija u disgha u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€139,762.40);

2. Tiddikjara li l-istess socjeta` konvenuta ghandha tirrifondi lill-imsemmija atturi fuq indikati l-ammont minnha depozitat fic-cedola ta' depozitu numru 1048/2002, anke stante l-ammissjoni tal-istess socjeta` konvenuta ghal din it-talba;

3. Tikkundanna ghalhekk lill-istess socjeta` konvenuta fuq indikata biex tirrifondi lill-istess atturi s-somma komplessiva ta' mija u disgha u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€139,762.40) fuq gia` ndikata;

4. Tillibera lis-socjeta` akwatika San Giljan Aquatic Sports Club mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra s-socjeta` konvenuta Master Builders (Malta) Limited, u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mis-27 ta' Settembru, 1999.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------